kitba ta' **Clifford Galea**



# Il-Festa ta' San Ġużepp tar-Rabat tal-Imdina

Anniversarji ma jaqtgħux fil-gżejjer tagħna – 500 sena mill-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat. Insellem lilkom għeżież qarrajja u nistedinkom biex flimkien nitgħallmu dwar id-devozzjoni lejn San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina. Naf kemm għalikom l-Għaxqin, San Ġużepp huwa ta' għożża kbira u m'għandix dubju li din il-paġna se tinteressakom.

Huwa fatt magħruf li l-Festa ta' San Ġużepp tad-19 ta' Marzu, hija waħda mill-eqdem festi tradizzjonali li jiġu ċċelebrati f'pajjiżna. Tant hu hekk li nsibu dokument, li biex dejjem titkabbar il-qima lejn San Ġużepp fis-16 ta' Ġunju 1508, il-Kapitlu tal-Katidral flimkien mas-Senat tal-Università tal-Imdina (li kien il-Gvern ta' Malta ta' dak iż-żmien) kienu qablu u ddikjaraw flimkien li l-Festa ta' San Ġużepp f'dan il-Jum tad-19 ta' Marzu, tibda tiġi ċċelebrata u osservata bħala Festa Kmandata u Festa Pubblika għal Malta kollha. Nafu li dak iż-żmien kien hemm ukoll pieni għal min ma josservax dan il-jum, kif jgħid l-istess dokument tad-dikjarazzjoni ta' din il-festa.

Ta' min jgħid li din il-festa f'Malta saret 'Kmandata u Pubblika' 113-il sena qabel il-Papa Gregorju XV fl-1621, iddikjara din il-Festa ta' San Ġużepp tad-19 ta' Marzu, bħala Festa Kmandata għall-insara tad-dinja kollha. Kull min dan iż-żmien tal-bidu tas-seklu 19, li l-Kapitlu tal-Katidral baqa' sal-lum jiġi ta' kull sena proċessjonalment f'dan il-jum mill-Katidral tal-Imdina, biex jiċċelebra bis-solennità kollha din il-Festa ta' San Ġużepp b'quddiesa solenni Konċelebrata f'din il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Patrijiet Franġiskani Minuri. Ordni li għandha devozzjoni kbira lejn San Ġużepp. Devozzjoni mhedda u mkabbra fi ħdan l-istess Ordni permezz ta' San Bernardin ta' Siena, li huwa magħruf bħala: 'Id-Duttur ta' San Ġużepp'. Kif ukoll peress li f'din il-knisja tinsab is-sede tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, li l-bidu tagħha tmur lura sa qabel is-seklu 16. Din il-fratellanza li hija waħda mill-eqdem Fratellanzi ta' pajjiżna bħala l-eqdem waħda fil-gżejjer tagħna li hija ddedikata lil San Ġużepp, hija l-organizzatriċi ewlenija ta' din il-festa.



Din il-festa hija waħda mill-Festa prinċipali ta' pajjiżna. Dan jikkonfermah ukoll il-fatt, li mal-Kapitlu tal-Katidral kien jiġi wkoll f'din il-Knisja għal din il-Festa, is-Senat tal-Università tal-Imdina (membri tal-Gvern ta' dak iż-żmien) fejn kien jassisti għal din il-Quddiesa. Dan baqa' jsir hekk sal-1818 meta spiċċa dan is-Senat. Fejn ta' kull sena f'din il-knisja, fid-19 ta' Marzu, il-Kaptan tal-Virga kien joffri xemgħa rikka dekorata bl-istemma Nazzjonali fuq l-artal tal-Kappella ta' San Ġużepp li tinsab f'din il-knisja.

Bħala sinjal ta' devozzjoni tal-poplu Malti lejn San Ġużepp. Drawwa li llum qiegħda tiġi mġedda ta' kull sena mis-Sindki tar-Rabat, Imtarfa u tal-Imdina, kif se naraw iżjed 'il quddiem f'din il-quddiesa. Fil-fatt il-Gvern għadu sal-lum ta' kull sena jagħti kontribuzzjoni lill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp biex tinxtegħel.

## Is-Santwarju Nazzjonali ta' San Ġużepp

L-Oratorju tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, iddedikat lill-Qaddis Patrun li ġġib l-isem tiegħu. Attwalment Santwarju Nazzjonali ta' San Ġużepp Inkurunat, beda jimbena fl-1665 u tlesta fl-1685. Dan l-Oratorju ġie mibni fuq biċċa art li l-Patrijiet Franġiskani kienu offrew lill-Fratelli tal-imsemmija Arċikonfraternità, biex ikun jista' jinbena dan l-Oratorju. Dan ġie mkabbar kif jidher illum bejn l-1804 u l-1840.

Fuq l-artal ewlieni ta' dan l-Oratorju, tinsab meqjuma b'għożża kbira l-istatwa antika u tant devota ta' San Ġużepp. Inkurunat solennament b'żewġ kuruni bid-deheb u l-ħaġar prezzjuż fl-1 ta' Mejju 1963, mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi fuq il-Fosos tal-Floriana, b'digriet maħruġ personalment minn idejn il-Papa Piju XII fl-1956. Din hija waħda mill-ftit xbihat ta' San Ġużepp Inkurunati li hawn fid-

dinja b'digriet maħruġ mill-Papa. Huwa unur għalina l-Maltin li proprju mill-ftit xbihat ta' San Ġużepp li huwa Inkurunati fid-dinja, waħda minnhom tinsab ġewwa pajjiżna proprju hawn fir-Rabat tal-Imdina fis-Santwarju ta' San Ġużepp fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù.

F'dan is-Santwarju, insibu wkoll ikkonservati numru ta' statwi proċessjonali tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, li joħorġu ta' kull sena proċessjonalment f'Jum il-Ġimgħa l-Kbira fit-toroq prinċipali tar-Rabat. Din il-purċissjoni tiġi organizzata wkoll minn din l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp u hija meqjusa bħala l-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'dawn il-gżejjer.

## L-istatwa proċessjonali ta' San Ġużepp

L-istatwa proċessjonali ta' San Ġużepp ġiet irregalata lill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fl-1890, mir-Rev. Mons. Kan Dr Paolo Pullicino, li kien Protettur u Benefattur tal-imsemmija Arċikonfraternità. Ġiet maħduma fil-kartapesta fuq stil neo-klassiku fil-fabbrika *Gallard et Fils* f'Marsilja fi Franza, fuq id-disinn tal-magħruf artista' Luigi Fontana minn Monsanpietrangeli.

Fl-1920, il-libsa tal-istatwa ġiet sgraffjata minn żewġ imgħallmin li kienu membri tal-istess Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Dawn kienu l-induratur Ġużeppi Farrugia u d-dekoratur Mikiel Fsadni.

Il-pedestall tal-istatwa ġie maħdum fl-injam fl-istess sena li ġiet irregalta l-istatwa fl-1890. Fl-1985, ġie miksi bil-fidda, ix-xogħol tiegħu sar mill-Arġentier u Ġistillatur Tarcisio Cassar miż-Żejtun. Dan sar bil-kontribuzzjoni tad-devoti ta' San Ġużepp.

L-erba' anġli li jdawru dan il-pedestall, huwa xogħol artistiku maħduma fl-injam fil-fabbrika *Rosa, Zanazio e Co* f'Ruma, fl-1902.

Fl-1986, l-istatwa ġiet restawrata billi ġiet imnaddfa. Ir-restawr fuq il-libsa sar mill-Induratur Horace Farrugia mill-Imdina, filwaqt li r-restawr tal-karneġġjon sar minn Carmelo Azzopardi mir-Rabat Malta u membru fi ħdan l-imsemmija Arċikonfraternità ta' San Ġużepp.

Fl-1905, saret il-bradella u l-bankun tal-istatwa. Din ġiet maħduma fl-injam mill-imgħallem Francesco Tonna u skulturata mill-imgħallem Agostino Muscat żewġ membri fi hdan l-istess Arċikonfraternità, fuq id-disinn tal-magħruf skultur Antonio Sciortino. Din ġiet irregalata mir-Rev. Dun Sante dei Marchesi De Piero, D'Amico Inguanez, li kien Rettur u Benefattur ta' din l-Arċikonfraternità.

Fl-1981, sar il-mant (pavaljun) tal-bellus blu bir-rakkmu tad-deheb, infurrat b'damask imbrukkat, sabiex taħtu titpoġġa din l-istatwa sabiħa ta' San Ġużepp fil-knisja matul il-jiem tal-festa. Il-kuruna rjali li tgħaqqad dan il-mant, ġiet maħduma fl-injam mill-imgħallem Salvu Tonna, (membru ieħor fi ħdan din l-imsemmija Arċikonfraternità) filwaqt li ġiet miksija bil-fidda mill-imsemmi Arġentier Tarcisio Cassar miż-Żejtun.

Id-Digriet jgħid:

*Qegħdin inġibu t-test sħiħ tad-dokument tad-dikjarazzjoni li biha l-Festa ta' San Ġużepp bdiet tiġi ċċelebrata b'solennità. Din id-dikjarazzjoni nkitbet bil-Latin fl-1508 u kienet ġiet tradotta għal Malti mir-Rev. Patri Ġużepp Beneditt Xuereb OFM u REv. Kan Dun Ġwann Azzopardi fl-1982:*

*L-imħabba ħerqana u l-qima mħeġġa li kemm il-kleru kif ukoll il-poplu ta' Malta dejjem kellu u għandu llum ukoll, lejn il-Patrijarka San Ġużepp, ġiegħel lill-Kapitlu u lill-Kunsill Ġenerali jiltaqgħu flimkien biex, kif jitolbu l-merti u l-privileġġi kbar tiegħu, jiddeċiedu li l-festa tal-Qaddis Patrijarka tiġi ta' kull sena ċċelebrata b'solennità. Dehrilhom li dan il-qbil tagħhom biex il-festa msemmija tiġi ċċelebrata b'solennità għal dejjem u għaż-żminijiet kollha, kien imnebbaħ mis-sema.*

*Għalhekk qatgħuha li, ad unur ta' San Ġużepp, il-missier Putattiv tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, ikun jaqbel li jitniżżel bil-miktub dak li kien intqal bil-fomm bejn il-Kapitlu u l-Kunsill Ġenerali mlaqqgħin u miġburin fil-Knisja Katidrali ta' Malta. Hekk il-fidili tal-lum u ta' għada wkoll ikollhom xi jfakkarhom f'dak li ntlaħaq ftehim dwaru, mingħajr ħadd ma kien kuntrarju, li l-festa ta' San Ġużepp, għaż-żminijiet kollha li ġejjin u għal dejjem, tiġi mħarsa u ċċelebrata b'solennità u ferħ kbir, b'solennità u qima. Għalhekk dawk li jmorru kontra dan, jaqgħu fil-pieni u ċ-ċensuri mniżżlin fil-liġi u stabbiliti mill-konswetudni. U biex jitfakkar dan il-permess u ordni għall-festa li semmejna u tiġi ċċelebrata kull sena kif għidna, qed tiġi reġistrata din il-kitba.*

*Għaldaqstant sar dan il-privileġġ u ġie msaħħaħ mill-firem ta' dawk kollha li isimhom jidher hawn taħt u mwettaq bis-siġill tagħhom. Maħruġ Malta, 16 ta' Ġunju, Indizzjoni, 1508.*

*Nos Petrus Xiberas Locumtenens Officii Vicari, Petro de Stunica Iurato, Ego Manfredus de la Habica Iuratus, Matteu Cesar Iurato, Manfré Caxaru Iurato, Reverendus Dominus Locumtenens Domini Vicarii absentis, mandavit mihi, Domino Iacobo de Vassallo M. Notario.*

Dan id-digriet jikkonferma biċ-ċar kemm hija antika d-devozzjoni Ġużeppina f'Malta 500 sena ilu missirijietna bdew jiċċelebraw waħda mill-eqdem festa tagħna li maż-żmien kellha ssir waħda mill-aktar popolari u mfittxija mal-Maltin kollha. Id-19 ta' Marzu għadu sal-lum il-ġurnata importanti ħafna fil-kalendarju tal-Maltin u dan kollu bdea 500 sena ilu. Għalhekk il-Kaptilu Metropolitan tal-Imdina beda jiġi proċessjonalment mis-sena ta' wara sal-ġurnata tal-lum fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù nhar id-19 ta' Marzu fid-9.00am biex jikkonċelebra l-quddiesa pontifikali.

Minn qalbi bi mħabba kbira, awguri lil Ġużeppini kollha!